

Brussell, 24 ta' Novembru 2015  
(OR. en)

14443/15

CULT 85  
RELEX 957  
DEVGEN 235

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	24 ta' Novembru 2015
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	13645/1/15 REV 1 CULT 76 RELEX 871 DEVGEN 215
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE b'attenzjoni fuq il-kultura fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp - Konklużjonijiet tal-Kunsill (24 ta' Novembru 2015)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE b'attenzjoni fuq il-kultura fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, adottati mill-Kunsill fit-3428 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Novembru 2015.

## **Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE b'attenzjoni fuq il-kultura fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp**

### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. WAQT LI JFAKKAR li l-Artikolu 167(3) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jappella lill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex irawmu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fl-isfera tal-kultura, u jstieden lill-Unjoni sabiex tikkunsidra l-aspetti kulturali fl-azzjoni tagħha skont dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati, b'mod partikolari sabiex tirrispetta u tippromwovi d-diversità tal-kulturi tagħha;
2. WAQT LI JENFASIZZA li l-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE, inkluż fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, hija waħda mill-prijoritajiet tal-Aġenda Ewropea għall-Kultura<sup>1</sup> u l-pjanijiet ta' ħidma sussegwenti tal-Kunsill għall-kultura<sup>2</sup>; u li l-kooperazzjoni transettorjali hija importanti biex tiżdied il-koerenza bejn il-politiki differenti kif issottolinjat f'għadd ta' konklużjonijiet tal-Kunsill adottati reċentement<sup>3</sup>;
3. FILWAQT LI JŻOMM F'MOĦĦU li skont l-Artikolu 208 TFUE, il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha titwettaq fi ħdan il-qafas tal-prinċipji u l-obiettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u li l-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni u dik tal-Istati Membri jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin;

---

<sup>1</sup> Approvata mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2007 dwar Aġenda Ewropea għall-Kultura (ĠU C 287, 29.11.2007, p. 1)

<sup>2</sup> L-aktar wieħed reċenti huwa l-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2015-2018) (ĠU C 463, 23.12.2014, p. 4).

<sup>3</sup> L-aktar reċenti huma l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2012 dwar il-governanza kulturali (ĠU C 393, 19.12.2012, p. 8).

4. FILWAQT LI JFAKKAR fl-adozzjoni min-Nazzjonijiet Uniti tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli<sup>4</sup> li tinkludi referenzi espliċiti għall-kultura f' bosta mill-miri tagħha kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2014 dwar aġenda trasformattiva għal wara l-2015<sup>5</sup>, li jirrikonoxxu li l-kultura, inklużi l-wirt kulturali dinji u l-industriji kreattivi, jista' jkollha rwol importanti fil-kisba tal-iżvilupp inklużiv u sostenibbli;
5. WAQT LI JENFASIZZA li l-UE hija ggwidata mill-universalità, l-indiviżibbiltà, l-interkonnessioni u l-interdipendenza tad-drittijiet kollha tal-bniedem, sew ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali jew kulturali;<sup>6</sup>
6. WAQT LI JFAKKAR li l-UE u l-Istati Membri tagħha aderixxew, u għalhekk impenjaw ruħhom li jimplimentaw il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali li tenfasizza fost l-oħrajn il-hteġa li l-kultura tiġi inkorporata bħala element strateġiku fil-politiki tal-iżvilupp u li d-diversità kulturali tista' tiġi protetta u promossa biss jekk id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jkunu garantiti;

HUWA KONVINT li l-kultura teħtieġ tiffurma parti minn approċċ strateġiku u trasversali għar-relazzjonijiet esterni u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni minħabba l-kapaċità sostanzjali tagħha li ssaħħaħ dawn il-politiki billi tikkontribwixxi għall-bini ta' relazzjonijiet fit-tul ibbażati fuq skambji bejn in-nies, fehim reċiproku, fiduċja u kredibilità;

B'KUNSIDERAZZJONI XIERQA lejn l-isferi rispettivi ta' kompetenza tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, kif ukoll il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

---

<sup>4</sup> Is-Summit tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (New York, 25-27 ta' Settembru 2015) adotta l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ("Nittrasformaw id-dinja tagħna" (traduzzjoni mhux uffiċjali)), inkluż sett wieħed ta' Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) globali li ser jieħu post l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs), <https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld>

<sup>5</sup> 16716/14.

<sup>6</sup> Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline (dok. 9647/14).

**Rigward il-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-EU**

7. Biex jintlaħaq il-potenzjal tal-kultura li tkun parti importanti mir-relazzjonijiet esterni, huwa meħtieġ li mmorru lil hinn milli nuru d-diversità tal-kulturi Ewropew, u nimmiraw li noħolqu spirtu ġdid ta' djalogu, smieġh u taġħlim reċiproċi, tisħiħ konġunt tal-kapaċitajiet u solidarjetà globali<sup>7</sup>, kif inhu rrakkomandat mill-Azzjoni Preparatorja dwar il-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE<sup>8</sup> u fir-rapport dwar il-kultura u r-relazzjonijiet esterni maċ-Ċina<sup>9</sup>.
8. Madankollu, tinħtieġ koordinazzjoni aħjar tal-isforzi lejn approċċ strateġiku Ewropew li timmira lejn l-integrazzjoni konsistenti u koerenti tal-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE u li tikkontribwixxi għall-komplementarjetà tal-attivitajiet tal-Unjoni ma' dawk tal-Istati Membri tagħha. Tali approċċ jinkludi, fost l-oħrajn, prijoritajiet tematiċi u ġeografiċi, objettivi u riżultati realistiċi, gruppi fil-mira, interessi u inizjattivi komuni, dispożizzjonijiet ta' finanzjament, il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u modalitajiet ta' implimentazzjoni.
9. Approċċ strateġiku fil-livell tal-UE jippermetti wkoll li jiġu indirizzati b'mod aktar effiċjenti l-isfidi attwali, bħalma huma l-kriżi migratorja, ir-radikalizzazzjoni u l-ksenofobija, il-qerda u t-theddida għall-wirt kulturali u t-traffikar illeċitu f'oġġetti kulturali.

---

<sup>7</sup> Anki f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Mejju 2011 dwar id-dimensjonijiet kulturali tal-azzjonijiet esterni tal-UE.

<sup>8</sup> Mibdija mill-Parlament Ewropew fl-2012, l-Azzjoni Preparatorja dwar "il-Kultura fir-Relazzjonijiet Esterni tal-UE" twettqet fl-2012-2013 bil-għan li tappoġġa ir-riflessjoni u l-iżvilupp attwali ta' politika dwar it-tisħiħ tar-rwol tal-kultura fir-relazzjonijiet esterni u biex titrawwem aktar ħidma f'dan il-qasam. Ir-rapport finali ġie ppubblikat fl-2014, <http://cultureinexternalrelations.eu/main-outcomes/>

<sup>9</sup> Strateġija għar-relazzjonijiet kulturali bejn l-UE u ċ-Ċina: rapport tal-grupp ta' esperti dwar il-kultura u r-relazzjonijiet esterni – iċ-Ċina (Novembru 2012).

## **Rigward il-kultura fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp**

10. Il-promozzjoni tal-koerenza fil-politika hija partikolarment kruċjali għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, minħabba r-rwol importanti li għandhom l-Istati Membri u l-UE f'dan il-qasam u fir-rigward ukoll tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.
11. Il-kultura hija komponent essenzjali fid-dimensjoni tal-iżvilupp uman, soċjali, ekonomiku u ambjentali u għalhekk hija element ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli, minħabba li:
  - setturi dinamiċi kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, f'pajjiżi sħab jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar, peress li huma katalizzaturi importanti għat-tkabbir, l-impjiegi, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp lokali,
  - il-kultura kif ukoll il-promozzjoni u r-rispett tad-diversità kulturali għandhom rwol importanti fil-prevenzjoni ta' konflitti, il-bini tal-paċi u r-rikonċiljazzjoni f'żoni ta' konflitt u wara konflitt,
  - id-djalogu interkulturali jrawwem fehim aħjar u jiffaċilita sħubijiet aktar profondi fost il-partijiet ikkonċernati,
  - settur kulturali u tal-mezzi tal-informazzjoni indipendenti huwa kondizzjoni fundamentali għal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, id-diversità kulturali, iċ-ċittadinanza demokratika attiva u l-iżvilupp demokratiku sostenibbli,
  - l-adozzjoni ta' strateġiji speċifiċi kulturali u ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp twassal għal azzjonijiet aktar effettivi u sostenibbli f'għadd kbir ta' setturi.

12. Madanakollu, sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ tal-potenzjal qawwi tal-kultura għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, għandu jiġi żviluppat approċċ aktar integrat li jinkludi l-integrazzjoni tad-dimensjoni kulturali fil-programmi ta' żvilupp u appoġġ xieraq għall-operaturi kulturali fuq bażi ta' medda ta' żmien itwal aktar milli interventi ta' darba.
13. Tali approċċ jista' jiġi bbażat, fost l-oħrajn, fuq l-elementi li ġejjin:
- ir-rikonossiment tal-valur tal-kultura fiha nnifisha u bħala mezz għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp,
  - id-definizzjoni, abbażi ta' fehim komuni ta' koerenza u konsistenza, ta' modi prattiċi biex tiġi integrata d-dimensjoni kulturali fit-tnejn ta' programmi ta' żvilupp settorjali,
  - l-appoġġ għal żvilupp strutturat u fit-tul tas-setturi kulturali u kreattivi f'pajjiżi sħab, b'mod partikolari f'termini ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet, governanza kulturali u sistemi ta' proprjetà intellettwali,
  - it-tisħiħ tal-isforzi biex ikun protett u salvagwardjat il-wirt kulturali u naturali tanġibbli u intanġibbli tad-dinja,
  - il-promozzjoni tar-rwol tal-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa,
  - l-istabbiliment ta' għadd realistiku ta' linji prijoritarji li jistgħu jiġu riveduti regolarment biex ikun hemm fehim ċar tar-riżultati tal-proġetti u l-kontribut tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar kif ukoll għall-koeżjoni soċjali, it-tkabbir u l-impjiegi,

- il-komplementarjetà bejn programmi eżistenti u skemi u strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, l-Istati Membri u atturi oħrajn u, meta xieraq, iż-żieda ta' opportunitajiet biex jiġu appoġġati inizjattivi kulturali fihom,
- approċċ minn isfel għal fuq li jrawwem is-sjieda nazzjonali u lokali, jinvolvi pajjiżi sħab u jinvolvi l-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari l-NGOs, is-soċjetà ċivili u s-settur privat.

14. Reazzjoni immedjata tkun partikolarment importanti fid-dawl tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ fil-futur tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030<sup>10</sup> sabiex jiġi żgurat li l-kultura titqies biżżejjed u tkun tista' twettaq ir-rwol tagħha f'dak ir-rigward.

#### GĦALHEKK JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX:

15. Jieħdu sehem fi grupp ta' ħidma ad hoc li ser jiġi ospitat mil-Lussemburgu. Dan il-grupp għandu jikkontribwixxi għat-tħejjija ta' approċċ konkret, ibbażat fuq l-evidenza, li jkun kondiviż u fit-tul dwar il-kultura u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Sabiex jiffaċilita l-koerenza ta' azzjonijiet bejn l-atturi rilevanti fuq il-post, il-grupp għandu jiġbor u jiskambja l-aħjar prattiki dwar il-kultura u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp u jeżamina l-evidenza empirika dwar l-impatt tal-kultura fuq l-iżvilupp.

Il-grupp ser jiltaqa' għall-ewwel perijodu 2016 - 2017, ser ikun ta' natura informali u b'parteċipazzjoni volontarja. Huwa ser ikun miftuħ għal atturi kemm mis-settur tal-kultura kif ukoll mis-settur tal-iżvilupp, b'mod partikolari l-Istati Membri (b'mod partikolari dawk fil-kariga attwali jew futura tal-Presidenzi tal-Kunsill), il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti li joperaw fl-oqsma tal-iżvilupp u l-kultura, il-pajjiżi sħab, is-sħab esterni b'mod partikolari l-Istituti Nazzjonali tal-UE għall-Kultura (EUNIC), kif ukoll is-soċjetà ċivili u l-pjattaformi tal-NGOs.

Ir-riżultati tal-ħidma ta' dan il-grupp għandhom jiġu ppreżentati lill-korpi preparatorji kkonċernati tal-Kunsill, b'mod partikolari fil-qasam tal-kultura u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

<sup>10</sup> B'mod partikolari l-għanijiet numri 4 (mira 4.7), 8 (mira 8.9), 11 (mira 11.4) u 12 (mira 12.b).

U JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

16. issaħħaħ il-kultura bħala dimensjoni speċifika ta' intervent fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp,
  17. tiżviluppa u tippreżenta lill-Kunsill, b'mod konġunt mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, approċċ aktar strateġiku għall-kultura fir-relazzjonijiet esterni bbażat fuq il-prinċipji deskritti hawn fuq u li għandu jappoġġa fost l-oħrajn il-libertà artistika, il-libertà ta' espressjoni kulturali u r-rispett għad-diversità u l-wirt kulturali.
-